Permezz ta' digriet tat-12 ta' Frar 2015, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Is-Sitt Awla) ċaħdet l-appell u kkundannat lill-appellanti tbati l-ispejjeż tagħha stess.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-18 ta' Diċembru 2014 – Petru Chiș vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj**

**(Kawża C-585/14)**

(2015/C 107/20)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Petru Chiș

*Konvenuta:* Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj

**Domandi preliminari**

1) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 9/2012 u tas-suġġett tat-taxxa prevista minn din il-liġi, huwa neċessarju li jitqies li l-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru tal-Unjoni milli jistabbilixxi taxxa fuq l-emissjonijiet li jniġġsu applikabbli fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' vetturi li ġejjin minn Stat tal-Unjoni ieħor, taxxa li ma tapplikax għar-reġistrazzjoni waqt it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq il-vetturi nazzjonali li fir-rigward tagħhom tali taxxa jew taxxa simili diġà tħallset, fil-kundizzjonijiet fejn il-valur ta' din it-taxxa residwali inkorporata fil-valur tal-vetturi li jinsabu fis-suq intern hija inferjuri għat-taxxa l-ġdida?

2) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 9/2012 u tas-suġġett tat-taxxa prevista minn din il-liġi, huwa neċessarju li jitqies li l-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru tal-Unjoni milli jistabbilixxi taxxa fuq l-emissjonijiet li jniġġsu applikabbli fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' vetturi li ġejjin minn Stat tal-Unjoni ieħor, taxxa li, fil-każijiet tal-vetturi nazzjonali, hija dovuta biss waqt it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq tali vettura, bil-konsegwenza li vettura barranija ma tistax tintuża mingħajr ħlas tat-taxxa, filwaqt li vettura nazzjonali tista' tintuża b'mod illimitat *ratione temporis* mingħajr ħlas tat-taxxa, sal-mument tat-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq l-imsemmija vettura, segwit bir-reġistrazzjoni tal-proprjetarju l-ġdid, jekk tali trasferiment iseħħ?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-18 ta' Diċembru 2014 – Vasile Budișan vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj**

**(Kawża C-586/14)**

(2015/C 107/21)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Vasile Budișan

*Konvenuta:* Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj

**Domandi preliminari**

1) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 9/2012 u tas-suġġett tat-taxxa prevista minn din il-liġi, huwa neċessarju li jitqies li l-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru tal-Unjoni milli jistabbilixxi taxxa fuq l-emissjonijiet li jniġġsu applikabbli fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' vetturi li ġejjin minn Stat tal-Unjoni ieħor, taxxa li ma tapplikax għar-reġistrazzjoni waqt it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq il-vetturi nazzjonali li fir-rigward tagħhom tali taxxa jew taxxa simili diġà tħallset, fil-kundizzjonijiet fejn il-valur ta' din it-taxxa residwali inkorporata fil-valur tal-vetturi li jinsabu fis-suq intern hija inferjuri għat-taxxa l-ġdida?

2) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 9/2012 u tas-suġġett tat-taxxa prevista minn din il-liġi, huwa neċessarju li jitqies li l-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru tal-Unjoni milli jistabbilixxi taxxa fuq l-emissjonijiet li jniġġsu applikabbli fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' vetturi li ġejjin minn Stat tal-Unjoni ieħor, taxxa li, fil-każijiet tal-vetturi nazzjonali, hija dovuta biss waqt it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq tali vettura, bil-konsegwenza li vettura barranija ma tistax tintuża mingħajr ħlas tat-taxxa, filwaqt li vettura nazzjonali tista' tintuża b'mod illimitat *ratione temporis* mingħajr ħlas tat-taxxa, sal-mument tat-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq l-imsemmija vettura, segwit bir-reġistrazzjoni tal-proprjetarju l-ġdid, jekk tali trasferiment iseħħ?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Cluj (ir-Rumanija) fit-18 ta' Diċembru 2014 – Aurel Moldovan vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj

**(Kawża C-587/14)**

(2015/C 107/22)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Cluj

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Aurel Moldovan

*Konvenuta:* Administrația Județeană a Finanțelor Publice Cluj

**Domandi preliminari**

1) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 9/2012 u tas-suġġett tat-taxxa prevista minn din il-liġi, huwa neċessarju li jitqies li l-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru tal-Unjoni milli jistabbilixxi taxxa fuq l-emissjonijiet li jniġġsu applikabbli fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' vetturi li ġejjin minn Stat tal-Unjoni ieħor, taxxa li ma tapplikax għar-reġistrazzjoni waqt it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq il-vetturi nazzjonali li fir-rigward tagħhom tali taxxa jew taxxa simili diġà tħallset, fil-kundizzjonijiet fejn il-valur ta' din it-taxxa residwali inkorporata fil-valur tal-vetturi li jinsabu fis-suq intern hija inferjuri għat-taxxa l-ġdida?

2) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 9/2012 u tas-suġġett tat-taxxa prevista minn din il-liġi, huwa neċessarju li jitqies li l-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru tal-Unjoni milli jistabbilixxi taxxa fuq l-emissjonijiet li jniġġsu applikabbli fil-mument tar-reġistrazzjoni ta' vetturi li ġejjin minn Stat tal-Unjoni ieħor, taxxa li, fil-każijiet tal-vetturi nazzjonali, hija dovuta biss waqt it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq tali vettura, bil-konsegwenza li vettura barranija ma tistax tintuża mingħajr ħlas tat-taxxa, filwaqt li vettura nazzjonali tista' tintuża b'mod illimitat *ratione temporis* mingħajr ħlas tat-taxxa, sal-mument tat-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq l-imsemmija vettura, segwit bir-reġistrazzjoni tal-proprjetarju l-ġdid, jekk tali trasferiment iseħħ?

---